FONTANA

Minuti tal-ħames laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tnejn, 25 ta` Lulju 2005 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| **Preżenti:** | **Membri** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Saviour Borg |
| Viċi-Sindku | Is-Sur Victor Cefai |
| | Is-Sur Lorry Apap |
| | Is-Sur Anthony Cassar |
| | Is-Sinjura Maria Schembri |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | Is-Sinjura Josianne Cassar |

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku s-Sur Saviour Borg.
Is-Segretarju Eżekuttiv qalet it-talba u qrat il-minuti ta` qabel li ġew approvati.

<u>Korrispondenza</u>

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz bagħat korrispondenza lill-Kunsill dwar il-prezzijiet li ntefgħu ta` l-offerta tal-*bring-in-sites*.
Iċ-Ċentru ta` Matul il-Jum għall-Anzjani bagħat korrispondenza dwar l-attendenza ta` l-anzjani fl-istess Ċentru. Il-Kunsill ġie mitlub sabiex jirreklama s-servizzi li jingħataw minn dan iċ-Ċentru.
Profs. J. Pace bagħat il-lista bl-ismijiet tar-residenti li telgħu sabiex ikunu jistgħu jagħmlu t-test tal-kanċer tal-ġilda (*melanoma*). Il-Kunsill għandu jiġi kkuntattjat aktar il-quddiem fuq dan is-suġġett.
*Il-WasteServ Malta Ltd.* bagħtet korrispondenza bis-suġġett *'Bring-in-Sites'*.
Is-Sinjura Ina Zammit, l-Uffiċċjal Awtorizzat tal-Kumitat Konġunt, bagħtet id-dokument tat-*tender* dwar l-Uffiċċjali Awtorizzati.
Il-Pulizija ta` Malta bagħtet korrispondenza bis-suġġett *'Police Liaison Officers'*.
Il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b`Diżabilita' bagħtet applikazzjonijiet ġodda għas-servizzi li toffri.
L-Awtorita' dwar it-Trasport ta` Malta approvat li ssir il-mera li l-Kunsill kien talab fi Triq il-Qalb ta` Ġesu'. Il-Kunsill qabel illi jagħmel din il-mera.
L-Awtorita' dwar it-Trasport ta` Malta bagħtet tinforma lill-Kunsill li l-applikazzjoni tas-Sur Paul Gatt ta` 25 Triq il-Kappillan Ġużepp Hili għal *reserved parking* ġiet milqugħa għal sena. Il-Kunsill ordna sabiex issir din ir-*reserved parking*.
L-Awtorita' bagħtet ukoll korrispondenza dwar il-*parking bays*. Hija talbet lill-Kunsill sabiex jissottometti pjanta li turi fejn il-Kunsill għandu l-ħsieb li jintroduċi dawn il-*parking bays*. Il-Kunsill qabel illi jsiru f`naħa waħda ta` Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u fi Triq il-Qalb ta` Ġesu'.
L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet diversi kopji t`avviżi t`infurzar fi Triq John Gaspard Le Marchant u Trejqet Grezzja Grima.

L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet il-permess fuq il-190 fi Triq tal-Għajn sabiex jitwaqqa' l-bini eżistenti u jinbnew l-Uffiċċji tal-Kunsill.
L-Awtorita' ta` Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar bagħtet il-listi t`applikazzjonijiet ġodda għal permess ta` żvilupp li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill tal-Fontana.
Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza lill-Kunsill dwar il-*bring-in-sites*. Skond informazzjoni li għandu d-Dipartiment, il-Kunsill tal-Fontana m`għandux *bring-in-sites* li qegħda tiġi mħallsa mill-fondi tal-Kunsill. Għaldaqstant l-ammont ta` Lm1500 li kien ġie mgħoddi lill-Kunsill għal dan l-iskop qed jiġi rtirat mill-allokazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsilli Lokali Għawdxin għadhom ma ddeċidewx min ser jieħu l-offerta peress li l-Kumitat li twaqqaf għal dan il-għan għadu ma ppreżentax ir-rapport tiegħu lis-Sindki Għawdxin.
Is-Sur Natalino Attard, Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat korrispondenza dwar il-ħaddiema ta` l-IPSL. Id-Direttur bagħat korrispondenza bis-suġġett "*Commonwealth Youth Forum*, Malta, 16 – 23 ta` Novembru 2005".
Id-Direttur għall-Gvern Lokali bagħat ukoll korrispondenza bis-suġġett '*Migration* fuq is-*Sage Pastel*'.
Inqrat Ċirkulari AKL 30/2005 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sinjura Rita Mangion, il-mara tas-Sur Stanley Mangion, Kunsilliera fil-Kunsill Lokali Mosta.
Inqrat Ċirkulari AKL 31/2005 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sur Alfred Fabri, ir-raġel tas-Sinjura Josephine Fabri, Kunsilliera fil-Kunsill Lokali Pieta'.
Inqrat Ċirkulari AKL 32/2005 dwar *Prospectus of courses by Mcast*.
Inqrat Ċirkulari AKL 33/2005 dwar Ġemellaġġ ma` *Montelanico* (provinċja ta` Ruma).
Inqrat Ċirkulari AKL 34/2005 dwar Ġemellaġġ ma` *Bucine* (provinċja ta` Arezzo) – *Tuscany Region*.
Inqrat Ċirkulari AKL 35/2005 dwar Tiġdid tal-Kuntratt bejn il-Kunsilli Lokali ma` l-*Internet Service Providers* (ISP). Il-Kunsill tal-Fontana qatt ma ġedded il-kuntratt tiegħu ma` l-ISP għall-provista ta` l-*Internet*.
Inqrat Ċirkulari AKL 36/2005 dwar Assikurazzjoni tal-flus fil-Kunsilli Lokali u Tribunali 2005-2006.
Inqrat Ċirkulari AKL 37/2005 dwar Informazzjoni dwar Toroq asfaltati.
Inqrat Ċirkulari AKL 38/2005 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sur Carmelo Galea, missier is-Sur Joseph Mary Galea, Viċi-Sindku fil-Kunsill Lokali Balzan.
Inqrat Ċirkulari AKL 39/2005 dwar *LeGA* (Servizz ta` *e-gov*).
Inqrat Ċirkulari AKL 40/2005 dwar l-aħbar tal-mewt tas-Sur Edgar Bonello, missier is-Sur Peter Bonello, Sindku San Ġiljan.
Inqrat Ċirkulari AKL 41/2005 dwar Materjal stampat dwar il-Kostituzzjoni Ewropea.
Inqrat Stqarrija għall-Istampa u Meżżi tax-Xandir 6/2005 dwar Att Vandalu mar-residenza tas-Sindku Jesmond Aquilina (Kunsill Lokali Qormi).
Inqrat Stqarrija għall-Istampa u Meżżi tax-Xandir 7/2005 dwar Favur il-ħajja tal-bniedem.
Inqrat Stqarrija għall-Istampa u Meżżi tax-Xandir 11/2005 dwar Att Vandalu fuq il-Kunsill Lokali San Ġwann.
Inqrat Stqarrija għall-Istampa u Meżżi tax-Xandir 12/2005 dwar Att Vandalu fuq il-karozza tal-Viċi-Sindku ta` Pembroke.
Inqrat Stqarrija għall-Istampa u Meżżi tax-Xandir 13/2005 dwar Il-Ġurnal influwenti tal-Georgia "24 siegħa" jippubblika kummenti ta` l-Avv. Ian Micallef fl-ewwel paġna tiegħu.
Inqrat Stqarrija għall-Istampa u Meżżi tax-Xandir 14/2005 dwar l-aggressjoni ta` żewġ individwi fuq Gwardjan Lokali waqt li kien qed jaqdi dmiru.
Inqrat Memo 16/2005 dwar Plakki Ġodda b`Ismijiet tat-Toroq.

Inqrat Memo 17/2005 dwar Mistoqsija Parlamentari Nru. 8875. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bagħtet ir-risposta għal din il-Mistoqsija.

Mistoqsijiet

Ma kienx hemm mistoqsijiet f`din il-laqgħa.

Tindif ta` parti minn Wied ix-Xlendi li hu fil-konfini tal-Fontana

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ser joħroġ permess tal-M.E.P.A. fil-konfini tagħna biex titħammel parti minn Wied ix-Xlendi. L-applikazzjoni saret mill-Kunsill Lokali tal-Munxar fejn dawn applikaw snin ilu għat-tindif ta` Wied ix-Xlendi. Huwa ssuġġerixxa lill-Kunsill sabiex jaħtaf l-okkażżjoni biex dan il-wied jiġi mnaddaf hekk kif ikun hemm il-permessi neċessarji. Il-Kunsillier Lorry Apap issuġġerixxa li ssir laqgħa mal-Kunsill Lokali Munxar dwar dan. Il-Kunsill qabel. Għaldaqstant għandha ssir talba lill-Kunsill Lokali Munxar sabiex issir din il-laqgħa, meta joħroġ il-permess.

Mozzjonijiet

Mozzjoni Nru. 1 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi dan ix-xelter mhux tal-Gvern skond is-*site plans* tad-Dipartiment ta` l-Artijiet. Il-Kunsill qabel illi jqajjem dan il-punt fil-laqgħa li ntalbet mas-Sur Albert Mamo, Kummissarju tal-Artijiet biex jekk hi proprjeta' tal-Gvern mitlufa tiġi reġistrata. Huwa qal ukoll li n-nies ta` l-inħawi, l-aktar anzjani, dejjem infurmawh li dan hu tal-Gvern. Għalhekk il-Kunsill madwar erba` snin ilu għamel rixtellu tal-ħadid biex ma jintefax aktar żibel fih jew jiġi vandalizzat.

Mozzjoni Nru. 2 tas-Sur Saviour Borg ġiet irtirata għaliex ix-xogħol beda wara li ġiet ippubblikata l-mozzjoni.

Mozzjoni Nru. 3 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri sabiex titwaħħal tabella f`tarf Trejqet Grezzja Grima biex ma jintefax żibel hemmhekk.

Mozzjoni Nru. 4 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi jitlob sabiex issir *Bus Stop* f`tarf Triq il-Kappillan Ġużepp Hili.

Mozzjoni Nru. 5 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Il-Kunsill qabel illi jitlob lil *MaltaPost* biex issir kaxxa ta` l-ittri fl-inħawi tat-Toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi.

Mozzjoni Nru. 6 tas-Sur Saviour Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Maria Schembri. Is-Sindku qal li qed iressaq din il-mozzjoni peress li fuq din l-art imsemmija m`għandux ikun hemm problemi biex issir id-devoluzzjoni lill-Kunsill. Dan qed jintalab għar-raġuni li l-istat li jinsabu fiha l-latrina u ż-żewġt ikmamar ta` ħdejhom li huma amministrati mill-Gvern huwa wieħed delapidat. B`hekk malli tiġi akkwistata din l-art u joħorġu l-permessi meħtieġa mill-M.E.P.A. ikun jista' jinbeda x-xogħol biex tinbena din is-sala. Dan għandu jsir sakemm

jinqata` l-proċess tal-Qorti dwar l-iżgumbrament tal-fond 190 fi Triq tal-Għajn fejn diġa ħareġ il-permess mill-M.E.P.A. biex jinbena l-Uffiċċju tal-Kunsill, kif ukoll dwar is-sitwazzjoni tal-fond 191 li kien talab għalih il-Kunsill. Dan għandu jiġi ċċarat meta ssir il-laqgħa mas-Sur Albert Mamo, Kummissarju ta` l-Artijiet. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi huwa ma jaqbilx peress li jixtieq ikun pakkett bil-fondi 190 u 191 inklużi. Il-Viċi-Sindku qal li huwa ma jaqbilx peress li jixtieq ikun pakkett sħiħ. Is-Sindku u l-Kunsilliera Maria Schembri flimkien mal-Kunsillier Anthony Cassar qablu ma din il-mozzjoni, għalhekk din il-mozzjoni għaddiet.

<u>Approvazzjoni ta` kontijiet</u>

Il-kontijiet ta` hawn taħt ġew approvati:

| | | |
|---|---|---|
| *Director, Courts of Justice* | | Lm 178.00,0 |
| George Sacco | Lm 365.00,0 | |
| *Maltacom p.l.c.* | | Lm 60.51,0 |
| *Gozo Channel Co. Ltd.* | | Lm 18.50,0 |
| *Importers & Distributors Ltd.* | Lm 37.00,0 | |
| *Marine Land Ltd.* | | Lm 78.50,0 |
| *Public Cleansing Section* | | Lm 8.25,0 |
| *Cottage Products Ltd.* | Lm 11.00,0 | |
| Richard Cauchi | | Lm 141.09,0 |
| Anthony Mercieca | | Lm 546.00,0 |
| Anthony Mercieca | | Lm 20.00,0 |
| *Galea Curmi Engineering Consultants* | | Lm 6.63,0 |
| Jenise Grech | | Lm 83.70,0 |
| Jenise Grech | | Lm 83.24,0 |
| Victor Attard | | Lm 129.81,0 |
| *J.C.R. Ltd.* | | Lm 20.40,0 |
| *Office Needs* | | Lm 98.65,0 |
| *Climaserv* | | Lm 15.00,0 |
| *OASI Foundation* | | Lm 50.00,0 |
| *M.I.T.T.S.* | | Lm 16.11,0 |
| *Video-On-Line Ltd.* | | Lm 11.80,0 |
| Andrew Vassallo | | Lm 37.00,0 |
| *Rapa Showrooms Co. Ltd.* | | Lm 27.95,0 |
| Mark Bajada | | Lm 38.75,0 |
| Mark Bajada | | Lm 25.00,0 |
| *Nature Trust* (Malta) | Lm 15.00,0 | |
| | Total | Lm2122.89,0 |

L-iskeda ta` pagamenti Nru. 04/2005 ġiet approvata.

<u>Ilmenti/Suġġerimenti</u>
Il-Viċi-Sindku talab lill-Kunsill sabiex bank li jinsab fi Triq il-Kardinal Alessandro Franchi jitneħħa minn taħt it-tieqa fejn jinsab peress li s-sid tad-dar ma jixtieqx li jibqa' hemm minħabba raġuni ta` sigurta. Il-Kunsill qabel illi jneħħih minn hemm u jpoġġih ftit `l hemm minn fejn jinsab illum. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tinforma lit-Taqsima tax-Xogħolijiet biex dan isir.

Is-Sinjura Judy Vella ta` "Qalb ta` Ġesu'" fi Triq l-Isptar San Ġiljan talbet lill-Kunsill sabiex il-bankina ta` quddiem id-dar tagħha ssir bil-*paving blocks* griż bi ftit ħomor. Hija talbet sabiex tiġi kkuntattjata meta tkun ser issir. Il-Kunsill qabel illi jikteb lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp sabiex jagħmel din il-bankina peress li tinsab fi triq li huwa responsabbli minnha l-Gvern Ċentrali. Jekk ma ssirx jagħmilha l-Kunsill.

Is-Sinjuri Charles u Joann Galea ta` l-"Għabex' fi Triq ta` Mulejja talbu sabiex tiġi rranġata il-bankina ta` quddiem id-dar tagħhom.

Is-Sur Joe Borg ta` *"Sacred Heart Flats*/2" Triq tal-Għajn ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li ftit il-fuq mill-bieb tiegħu t-triq imniżżla u din qed tikkaġuna nkonvenjent kbir peress li malli tagħmel ix-xita l-ilma jidħol ġewwa.

Is-Sinjura Anjeża Farrugia ta` 202, Sqaq ta` Fuq il-Lunzjata talbet sabiex isir bank viċin id-dar tagħha sabiex ikunu jistgħu joqgħodu bilqiegħda fuqu. Il-membri tal-Kunsill għandhom imorru fuq is-sit sabiex ikejlu u jaraw hemmx wiesa` biżżejjed fejn isir dan il-bank.

Is-Sur Anthony Borg ta` *"St. Anthony"* Triq Santa Dminka talab lill-Kunsill sabiex jiġi rranġat il-ħajt tas-sejjieħ li hemm quddiem il-*garage* tiegħu fi Triq Wied Siekel peress li kif inhu ma jistax joħroġ bil-karozza. Huwa talab ukoll sabiex issir bozza ħdejn id-dar tiegħu. Il-Kunsill qabel illi l-bozza ssir mal-ħajt tad-dar tiegħu jekk jaċċetta s-sid peress li mhemmx post fejn titwaħħal .

Grupp ta` ħaddiema tal-*Fontana Cottage Industry* talbu lill-Kunsill permess sabiex ikunu jistgħu jipparkjaw fil-ħinijiet tax-xogħol għar-raġuni li mhemmx fejn tipparkja ħlief f`Wied Siekel. Fix-xitwa minn dan il-wied jgħaddi ħafna ilma u jġorr il-karozzi. Huma nfurmaw lill-Kunsill illi ħadu xi ċitazzjonijiet. Il-Kunsill qabel illi joħroġ il-permessi ta` dawn il-ħaddiema għal perjodu ta` sitt xhur.

Kunsill Lokali - Fontana - Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Tal-Għajn Street
Fontana VCT 105
Tel.: 21558877 Fax.: 21562555

Il-Viċi-Sindku qal illi t-tappiera li hemm quddiem tas-Sur Saviour Grech fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili għandha bżonn titranġa. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tieħu ħsieb tikkuntattja lid-Dipartiment tad-Drenaġġ.

Il-Kunsillier Lorry Apap talab lill-Kunsill sabiex issir bankina fi Triq tal-Għajn, ftit `l fuq minn Pjazza l-Għejjun. Il-Kunsill qabel illi jiċċekkja hemmx bżonn permess mill-M.E.P.A. jew mill-A.D.T.

Il-Kunsillier Lorry Apap informa lill-Kunsill illi fi Triq Għajn Tuta hemm bank li għandu bżonn manutenzjoni. Is-Sindku għandu jmur jiċċekkja.

Il-Kunsillier Anthony Cassar talab sabiex titranġa l-bankina tas-Sur John Grima li joqgħod *'Orchidea'* fi Triq Għajn Tuta. Il-membri tal-Kunsill għandhom imorru fuq is-sit sabiex jaraw x`hemm bżonn li jsir.

Is-Sindku ressaq ilment f`isem is-Sur Anton Farrugia biex issir tiswija bis-siment quddiem Sqaq Nru. 5 fi Triq tal-Għajn kif ukoll biex issir bankina ġdida quddiem id-dar tas-Sur Bicker fi Triq ta` Mulejja. Il-Kunsill qabel illi jwettaq dawn iż-żewġ talbiet.

Il-Kunsilliera Maria Schembri nfurmat lill-Kunsill illi fil-bidu ta` Triq tal-Għajn hemm tabella fl-art. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tieħu ħsieb tikkuntattja lis-Sur Louis Portelli.

Dwar dawn ix-xogħolijiet is-Sindku staqsa min ser jitqabbad biex jagħmel dan ix-xogħol. Il-Kunsillier Lorry Apap qal li jrid jara x`hemm bżonn isir. Għalhekk ġie deċiż li jmur jara flimkien mas-Sindku.

<u>Materji oħra</u>

Nhar il-Ġimgħa, 22 ta` Lulju 2005 saret laqgħa ma Ms. Annalise Falzon mill-Kumitat tal-Konservazzjoni tan-*Nature Trust* (Malta). Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm is-Sindku, l-Viċi-Sindku, l-Kunsillier Anthony Cassar u s-Segretarju Eżekuttiv. Wara li ġie diskuss ir-riabilitazzjoni tal-widien u l-inħawi ta` madwarhom li huma fil-konfini tal-Fontana, Ms. Falzon issuġġeriet illi issir żjara fuq il-post. Din iż-żjara għandha ssir aktar `l quddiem. Fuq proposta tas-Sindku l-Kunsill qabel illi jħallas il-*membership fee* lin-*Nature Trust* (Malta).
Il-Kunsill qabel illi jixtri *tape-recorder* sabiex jintuża waqt il-laqgħat tal-Kunsill. Is-Sindku qal illi huwa jaqbel sakemm dan ikun għall-użu tal-Kunsill biss u t-*tapes* jiġu mħasra fi tmiem il-leġislatura. Il-Kunsill qabel.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi Joanne Agius u Josianne Attard bdew mal-Kunsill taħt l-iskema msejħa *jes* tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ.
Il-Kunsillier Lorry Apap ta kopja lil kull membru tal-Kunsill tal-pjanta li ppreżenta fil-laqgħa li għaddiet. Ma din il-pjanta ppreżenta wkoll kopja ta` ritratti li għaddielu s-Sur Vince Farrugia. Din il-pjanta tħalliet għad-diskussjoni. Il-Kunsillier Lorry Apap issuġġerixxa wkoll illi jekk ikun hemm il-bżonn jitqabbad gwardjan lokali sabiex jgħallem u jidderieġi lis-sewwieqa li jkun hemm fil-post.
Il-Kunsillier Lorry Apap ippreżenta wkoll il-pjanta iffirmata mir-residenti ta Triq Għajn Tuta sabiex ikun jista' jsir id-*double yellow line* quddiem id-djar tagħhom. Din għandha tintbagħat għall-approvazzjoni ta` l-Awtorita' dwar it-Trasport ta` Malta.

Għall-laqgħa attenda l-kuntrattur Pinu Attard dwar ix-xogħol li sar minnu fi Triq ix-Xlendi. Huwa qal illi għadda ħafna żmien u għadu ma` tħallasx tax-xogħol li wettaq. Il-Kunsillier Lorry Apap qal illi huwa ta` l-opinjoni li peress li hemm l-*stop notice* għalissa jistenna ftit. Is-Sindku qal illi l-M.E.P.A. ser tiddiskuti l-każ fit-28 ta` Settembru 2005. Kien hemm qbil unanimu illi nistennew is-sentenza tal-M.E.P.A. u li l-ħajt irid jitranġa.

Dwar il-kuntratt ta` l-Uffiċċju tal-Kunsill il-membri qablu li dan għandu jiġi ffirmat għal sentejn b`effett mill-1 ta` Lulju 2005.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ntbagħtu r-ritratti dwar il-Fontana fl-Awstralja. Intbagħtu wkoll il-kummenti mitluba mir-*Radio* R.T.K. dwar il-problema tat-traffiku `l fuq mill-Uffiċċju tal-Kunsill bejn Triq il-Qalb ta` Ġesu' u Triq il-Kappillan Ġużepp Hili.

Is-Sindku attenda wkoll laqgħa tal-Kumitat Konġunt dwar l-infurzar lokali fejn ġie diskuss is-sehem tal-Kunsill fil-*pooling agreement*. F`din il-laqgħa ġie deċiż li jekk ikun hemm it-telf dan jitħallas minn kull Kunsill skond l-allokazzjoni finanzjarja tiegħu u jekk ikun hemm qliegħ dan jinqasam skond kemm multi jingħataw fil-lokalita`. Is-Sindku qal li dan hu ftehim aċċettabbli għall-Kunsill, peress li anke' kien hemm titjieb aktar mill-proposta li għamel il-Kunsill fl-ittra tiegħu li ntbagħtet lill-Kumitat Konġunt u li anke nqrat f`din l-istess laqgħa.

Is-Sindku qal ukoll li attenda għall-laqgħa tas-Sindki Għawdxin dwar il-*melanoma skin cancer* li saret Mill-Profs. Pace fl-Isptar Ġenerali t`Għawdex.

Saret żjara fil-post tal-*belvedere* f`tarf Triq ta` Mulejja mal-Perit John Saliba biex isir is-sanzjonar ta` dak li hemm fil-preżent. Flimkien mas-Sindku attenda wkoll il-Viċi-Sindku.

Sar ukoll l-irranġar tal-bandli fil-*Playing Field*. Saret ukoll in-nota ta` aċċettazzjoni dwar il-kawża fil-Qorti li fetħet is-Sinjura Pawla Cassar dwar *roadhump* fi Triq tal-Għajn. Din għandha tibda tinstema` fl-4 t`Ottubru li ġej.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali tal-Għarb stieden lill-Kunsill biex jekk għandu xi postijiet storiċi għar-restawr jidħol miegħu biex issir applikazzjoni għall-fondi mill-Unjoni Ewropeja. Is-Sindku ppropona li napplikaw għar-restawr ta` Pjazza l-Għejjun u n-niċeċ fil-lokal. Għalhekk saret l-applikazzjoni meħtieġa fiż-żmien li kien hemm stipulat.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li saret antenna fuq bejt fl-inħawi tat-Toroq John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi. Huwa flimkien mal-Kunsillier Lorry Apap qalu li ġew avviċinati minn xi residenti fejn wrew il-pre-okkupazzjoni tagħhom dwar ħsara li tista` ssir lil saħħithom. Sar qbil li tinġibed l-attenzjoni tal-M.E.P.A. permezz ta` ittra biex isir magħruf jekk kienx hemm bżonn il-permessi meħtieġa.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur dwar il-ġbir taż-żibel peress li qed jitħallew xi boroż f`xi nħawi. Dwar l-Għajn ta` Bendu is-Sindku qal li għalkemm nġieb darbtejn il-*bowser* biex jiftaħ il-kanal ta` l-ilma dan s`issa ma rnexxiex. Il-Kunsillier Lorry Apap qal li għandu jerġa' jinġab u tintuża s-sistema tal-*vacuum* biex li hemm jiġi miġbud `l barra.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hemm bżonn tinxtara *camera* għall-użu tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li tħawlu l-arbuxelli li kien hemm nieqsa fil-*Playing Field* u xtieli oħra tas-sajf.

Is-Sindku attenda wkoll laqgħa oħra tal-Kumitat Konġunt dwar l-infurzar lokali.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li naqsu żewġ żebbuġiet oħra minn Triq ix-Xlendi.

Ingħalqu wkoll il-kontijiet dwar it-tiġrija mas-Sur Charlie Scerri fejn il-Kunsill ta` *sponsor* ta` Lm249 fi ħlas ta` *insurance*, pulizija u parti mill-gwardjani lokali, kif ukoll is-Sur Charlie Scerri ġabar l-i*sponsor* ta` Lm200 li offra is-Sur Anthony Cassar *tal-Fontana Cottage Industry*.

Intbagħtet l-informazzjoni mitluba mill-Uffiċċju tal-*Caritas* dwar l-'Almanakk Għawdxi 2006'.

Is-Sur Mark Bajada ppreżenta stima ta` Lm125 tat-tiswija tal-bankini, fi Pjazza l-Għejjun, fit-Toroq Kappillan Ġużepp Hili, John Gaspard Le Marchant u Kardinal Alessandro Franchi. Fl-aħħar żewġ toroq imsemmija trid issir ukoll manutenzjoni tar-*retaining wall*. Il-Kunsill qabel li jqabbad lis-Sur Bajada biex jagħmel dan ix-xogħol bis-siegħa, b`rata ta` Lm2.50,0 is-siegħa.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li nġabret kwotazzjoni sabiex tkun tista` ssir l-arma tal-Kunsill fuq il-basktijiet. Sabiex isiru 350 arma fuq il-basktijiet is-Sur Joseph Grech talab il-prezz ta` 25c (Vat inkluża) għal kull basket. Il-Kunsill qabel illi jsiru u għandu jordna l-basktijiet mingħand il- *WasteServ* u jipprintja l-arma bi tlett kuluri mingħand is-Sur Joseph Vella.

Għall-laqgħa attenda l-Enġinier Renzo Curmi fejn spjega l-*embellishment* ta` Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Huwa ppreżenta *site-plan*. Ġie deċiż illi l-Enġinier Curmi jlesti t-*tender documents* biex ikun jista` jarahom il-Kunsill.

Il-Kunsill qabel ukoll illi jixtri żebgħa bajda għas-sinjali tat-traffiku.

Dwar il-*belvedere* fi Triq ta` Mulejja ser issir laqgħa mas-Sur Victor Borg Fiorentino tal-M.E.P.A. f`Malta. Din ser issir fuq talba li kien għamel il-Kunsill dwar x`ġara mill-proposta li kienet għamlet il-M.E.P.A. stess biex titħassar parti minn Triq ta` Mulejja biex jiġi mħares l-ambjent.

Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li l-ħarġa għat-tfal ser issir din il-ġimgħa u hemm konkorrenza kbira. Tħejja programm fejn ser inżuru it-Tempji ta` l-Imnajdra u Ħaġar Qim, il-fabbrika tal-*Playmobil* f`Ħal-Far, il-Belt Valletta u l-*Mediterraneo Marine Park*. Sar qbil li l-Kunsill iħallas Lm2 għad-dħul tal-*Mediterraneo Marine Park*, Lm1 għall-*Playmobil*, 50c għall-Imnajdra kull tifel/tifla, dan flimkien mal-vapur u l-*coaches*. Il-ġenituri li ser jakkumpanjawhom, il-Kunsill ġabilhom prezzijiet ssussidjati kif ukoll ser iħallsilhom il-*coach*.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li twettqu l-ilmenti mressqa minn Marinton Borg fi Triq Għajn Tuta, Karmena Theuma dwar bankina u tiswija ta` ħofra fi Triq tal-Għajn, kif ukoll l-ilment ta` Paul Gatt dwar *reserved parking* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-quddiesa pontifikali ta` lejliet il-festa filgħaxija mmexxija mill-Kardinal ġie mistieden mill-Kappillan tal-Parroċċa l-Kan. George Bezzina biex itella' l-offerti. Dan bi żvista ma ntqalx lill-Kunsill fil-laqgħa ta` Ġunju.

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00 ta` filgħaxija. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn, 29 t`Awwissu 2005 fl-4.30 ta` wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| Josianne Cassar | Saviour Borg |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |